



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' April 2024
(OR. en)

8506/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0078(NLE)

EDUC 111
SOC 250
RECH 152
JEUN 73
DIGIT 100
ENV 386

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Marzu 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 145 final
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni għolja

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2024) 145 final.

Mehmuż: COM(2024) 145 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.3.2024
COM(2024) 145 final

2024/0078 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni għolja

{SWD(2024) 74 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-ekonomija tal-ġharfien, il-futur tal-Ewropa se jissawwar mill-prestazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħha u l-kapaċità tagħha li tikkompeti fit-tellieqa globali għat-talent. Għal hekk għal hekk mill-isfidi li qed tiffaċċja l-Ewropa, l-edukazzjoni x'aktarx li tkun parti mis-soluzzjoni.

Is-settur tal-edukazzjoni għolja tal-Ewropa għandu rwol ewlieni fl-attrezzar tal-forza tax-xogħol tiegħu bil-ħiliet ta' livell għoli meħtieġa fis-suq tax-xogħol u jistabbilixxi l-pedament għall-kapaċità tal-innovazzjoni u l-kompetittività tal-Ewropa, b'mod partikolari fil-kuntest ta' forza tax-xogħol li qed tonqos. Huwa strumentali wkoll għall-kapaċità ta' ċittadini tal-UE li jitgħallmu u jaħsbu b'mod indipendenti, li huwa kruċjali għal demokrazija li tiffunzjona.

Is-settur tal-edukazzjoni għolja jrid jattira persunal b'talent – u jżommu. Dak il-persunal jenħteġ li jkun jista' jirnexxi, irrispettivament mill-isfond, u jgawdi l-libertà akkademika, f'konformità mal-prinċipji demokratiċi. Il-persunal akkademiku llum jassumi firxa wiesgħa ta' kompiti, lil hinn mir-rwoli tradizzjonali tat-tagħlim u tar-riċerka. Il-prospetti tal-karriera u s-sodisfazzjon fl-impjieg huma deċiżivi biex jinżamm it-talent akkademiku.

Din il-proposta tiffoka fuq żewġ kwistjonijiet oħra li għandhom impatt fuq l-attrazzjoni tal-karrieri akkademiċi:

- (1) *Tnedija ta' attivitajiet edukattivi tranżnazzjonali konġunti ġodda* – bħal lawrja Ewropea¹ – jenħteġ persunal dedikat b'ħiliet speċifiċi. Madankollu, l-esperjenza² turi li l-involviment fil-kooperazzjoni tranżnazzjonali jista' jirriżulta f'ammont ta' xogħol addizzjonali li mhux dejjem jiġi rikonoxxut jew ippremjat. Dan ix-xogħol jista' jittqies bħala xi ħaġa li għandha titwettaq flimkien ma' impjieg full-time, u dan jista' jkun diżinċentiv biex wieħed jinvolvi ruħu f'bidma dwar kooperazzjoni tranżnazzjonali.
- (2) *L-attrezzar tan-nies b'ħiliet ta' kwalità għolja* jeħtieġ persunal akkademiku mħarreġ sew u aġli. Madankollu, il-kriterji għall-evalwazzjoni u l-promozzjoni tal-karriera fis-settur tal-edukazzjoni għolja huma marbuta aktar mill-qrib mal-attivitajiet ta' riċerka u inqas mal-kwalità tat-tagħlim. Dan jista' jiskoraġġixxi lill-persunal akkademiku milli jgħalliem, flimkien ma' negliġenza ta' taħriġ kontinwu biex iżommhom aġġornati dwar il-metodi u l-kontenut pedagoġiċi. B'riżultat ta' dan, il-persunal akkademiku jista' jitħabat ma' bilanċ bejn it-tagħlim u r-riċerka, u għalhekk, jinvolvi ruħu inqas fit-tagħlim.

L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jiggwidaw ukoll l-innovazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku, ċiviku u kulturali tar-reġjun tagħhom. Dawn jiżviluppaw l-ġharfien u l-ħiliet professjonali tan-nies – iżda jlaqqgħu wkoll lin-nies u lill-komunitajiet flimkien għall-benefiċċju tat-tnejn li huma. Madankollu, hekk għal hekk istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja ma jattribwixxux il-valur meħtieġ għal attivitajiet bħall-involviment tan-negozju u tal-komunità, l-innovazzjoni bbażata fuq il-post³, jew il-parteċipazzjoni fil-governanza istituzzjonali.

¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar pjan ta' azzjoni għal lawrja Ewropea COM(2024) 144.

² Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, Masters Konġunti Erasmus Mundus, Programmi ta' Dottorat Konġunti Marie Skłodowska-Curie (MSCA), u programmi bit-tikketta tal-EIT iffinanzjati taħt il-programm Erasmus+.

³ L-innovazzjoni bbażata fuq il-post għandha l-għan li tikseb trasformazzjoni ekonomika urbana/reġjonali li taqbeż l-impatti tal-istrateġiji nazzjonali jew fil-livell tal-UE. Dan jenfasisza approċċ minn isfel għal fuq li jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, li jagħti s-setgħa lill-bliet jew lir-reġjuni biex jiżviluppaw strateġiji mfassla apposta għall-

Din il-proposta tfittex li tindirizza dan bħala parti minn pakkett akbar, b'Komunikazzjoni dwar pjan ta' azzjoni għal lawrja Ewropea u proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar sistema Ewropea ta' Assigurazzjoni u Rikonossiment tal-Kwalità. Din l-inizjattiva tappoġġja l-ħidma lejn lawrja Ewropea, iżda tmur lil hinn, permezz tar-rakkomandazzjoni dwar l-attrazzjoni u ż-żamma ta' persunal akkademiku u professjonali eċċellenti fl-edukazzjoni għolja biex jintlaħaq dan l-għan.

L-għan aħħari tal-inizjattiva huwa settur tal-edukazzjoni għolja b'saħħtu, bħala pedament ewlieni taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni⁴, biex jgħin lill-Ewropa tindirizza l-isfidi futuri, billi n-nies jiġu attrezzati b'ħiliet f'konformità mal-ħtiġijiet tas-soċjetà li qed jinbidlu.

Din il-proposta jenħtieġ li titqies flimkien mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija⁵ fl-Ewropa – kemm bit-tisħiħ tas-sinerġiji bejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER)⁶.

1.2. Kwistjonijiet strutturali u operazzjonali li għandhom jiġu indirizzati minn din ir-rakkomandazzjoni

L-evidenza mill-istudji u l-konsultazzjonijiet tindika d-diżinċentivi għall-persunal fl-edukazzjoni għolja biex jinvolvi ruħu f'kooperazzjoni u tagħlim tranżnazzjonali, u n-nuqqas ta' rikonossiment għal dawn l-attivitajiet fil-progressjoni tal-karriera.

1.2.1. Il-promozzjoni, ir-rikonossiment u l-valorizzazzjoni tal-involviment f'kooperazzjoni tranżnazzjonali aktar profonda

Ir-riċerka turi perċezzjoni mifruxa li ż-żmien li l-persunal fl-edukazzjoni għolja jiddedika għall-appfondiment tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali (inkluż il-bini u l-iskjerament ta' alleanzi tal-Universitajiet Ewropej⁷), mhuwix rikonossut b'mod adegwat fil-karrieri tagħhom. Fi sħarriġ iddedikat dwar din il-kwistjoni⁸, il-biċċa l-kbira tar-rispondenti qablu li l-kooperazzjoni tranżnazzjonali fit-tagħlim u l-apprendiment kienet parti mill-istrategġija istituzzjonali tal-edukazzjoni għolja tagħhom (66 %), u li l-perkorsi tal-karriera għall-persunal akkademiku ppermettew, appoġġaw u ħeġġew b'mod effettiv l-attivitajiet ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali (65 %). Madankollu, f'dak li għandu x'jaqsam mal-mekkaniżmi ta' evalwazzjoni, promozzjoni u ppremjari, 40 % biss ta' daww li wiegħbu qablu li l-involviment fil-kooperazzjoni tranżnazzjonali tqies b'mod effettiv. F'ħafna każijiet, ir-rispondenti esprimew il-fehma li dan ix-xogħol kien sottovalutat u n-nies kienu mistennija jagħmlu minbarra l-impjieg full-time tagħhom.

Barra minn hekk, l-opportunitajiet ta' mobbiltà Ewropea u internazzjonali għall-persunal mhuwix iffaċilitati biżżejjed. Persunal akkademiku li jipparteċipa fil-programm Erasmus+ jew fl-Azzjoni Marie Skłodowska-Curie, jammettu li dawn iż-żewġ programmi jippermettullhom jagħmlu użu akbar minn metodi innovattivi ta' tagħlim u jrawmu

ħtiġijiet tagħhom. Ara Rissola, G. u Haberleithner, J., Place-Based Innovation Ecosystems. A case-study comparative analysis, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2020, ISBN 978-92-76-19006-6.

⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, 30 ta' Settembru 2020, COM(2020)625 final.

⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2023 dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorija fl-Ewropa (ĠU C, C/2023/1640, 29.12.2023).

⁶ https://research-and-innovation.ec.europa.eu/strategy/strategy-2020-2024/our-digital-future/european-research-area_mt.

⁷ L-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej hija inizjattiva tal-UE li għandha l-għan li tistabbilixxi alleanzi bejn istituzzjonijiet oġġla minn madwar l-Ewropa kollha. Din tiġi implimentata primarjament permezz tal-finanzjament tal-Erasmus+.

⁸ Riċerka mwettqa mill-[ECORYS](#) (konsulenza bbażata fuq ir-riċerka) fl-2023.

konnessjonijiet aktar mill-qrib mas-suq tax-xogħol. Madankollu, rapport⁹ dwar ir-riżorsi tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja f'24¹⁰ pajjiż tal-OECD li taw it-tweġiba tagħhom, jenfasizza li nofs ta' daww li ttieħdu l-kampjuni minnhom biss għandhom programmi nazzjonali ddedikati biex jiffinanzjaw u jappoġġjaw il-mobbiltà tal-persunal.

1.2.2. Il-promozzjoni, ir-rikonossiment u l-valorizzazzjoni ta' rwoli u kompiti akkademiċi diversi, fosthom l-innovazzjoni u t-tagħlim effettiv

Il-persunal akkademiku li jaħdem f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja huwa mistenni mill-impjegatur tiegħu u mis-soċjetà usa' li jissodisfa diversi rwoli u kompiti addizzjonali¹¹ minbarra t-tagħlim u r-riċerka. Fl-aħħar mill-aħħar, dawn il-kompiti addizzjonali jsawru r-rwol li l-edukazzjoni għolja taqdi fis-soċjetà – l-edukazzjoni ta' professjonisti b'ħiliet għolja u l-indirizzar tal-isfidi soċjali u ekonomiċi. Madankollu, dawn id-diversi kompiti mhumieks valorizzati bl-istess mod. Filwaqt li mekkaniżmi formali għar-rikonossiment tat-tagħlim f'karrieri akkademiċi jeżistu fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Ewropej, dawn ma jidhrux li jaħdmu tajjeb fil-prattika. Huwa vitali li t-tagħlim u attivitajiet akkademiċi oħra mhux ta' riċerka – li kollha huma kruċjali għas-soċjetà – jiġu valorizzati fuq l-istess livell bħar-riċerka¹².

L-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati huma mħassba dwar dan in-nuqqas ta' parità ta' stima bejn ir-riċerka u t-tagħlim. Huma mħassba wkoll dwar il-livelli għoljin ta' nuqqas ta' sodisfazzjon irrappurtati bil-prattiki istituzzjonali relatati mad-diversità tar-rwoli u l-kompiti akkademiċi. Pereżempju, aktar minn żewġ terzi (70 %) tar-rispondenti għal sħarriġ reċenti¹³ ddikjaraw li l-ammont ta' xogħol tal-persunal akkademiku ma kienx imqassam b'mod ġust bejn it-tipi ta' persunal, il-livelli ta' anzjanità, u r-rwoli. Studju reċenti ieħor juri li filwaqt li l-prestazzjoni tat-tagħlim tiġi evalwata regolarment f'ħafna sistemi tal-edukazzjoni għolja, ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni għandhom biss impatt limitat fuq il-progressjoni tal-karriera, bi ftit rikonossiment mogħti lil tagħlim ta' kwalità u innovattiv¹⁴.

Il-mudelli lineari tal-perkors tal-karriera huma kwistjoni oħra ta' tħassib għall-persunal akkademiku, peress li jfikklu l-kapaċità tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jinnovaw u jinvolvu ruħhom mal-ekosistema usa' tagħhom. Il-persunal akkademiku rarament jista' jiċċaqilaq mingħajr xkiel bejn l-akkademja u setturi oħra. Madankollu, tali twessigħ tal-esperjenza jikkontribwixxi kemm għall-kwalità tat-tagħlim kif ukoll għall-ħajja akkademika.

Barra minnhekk, l-appoġġ għall-iżvilupp tal-persunal akkademiku jitqies bħala insuffiċjenti. L-indirizzar ta' korp tal-istudenti aktar varjat u l-involviment tagħhom f'ambjent ta' apprendiment iċċentrat fuq l-istudenti jeħtieġu aġġornament kontinwu tal-metodi tat-tagħlim. Filwaqt li hemm appoġġ għall-persunal akkademiku biex jittejjbu l-metodi ta' tagħlim (titjib tat-tagħlim)¹⁵, dan mhuwix mifrukk madwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. L-implimentazzjoni ta' rekwiżit ta' kwalifika ta' tagħlim formali għall-persunal akkademiku li

⁹ OECD (2024), 'The state of academic careers in OECD countries: An evidence review', *OECD Education Policy Perspectives*, No. 91, OECD Publishing, Pariġi, <https://doi.org/10.1787/ea9d3108-en>.

¹⁰ Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi.

¹¹ Dawn jinkludu l-kooperazzjoni tranżnazzjonali, l-involviment tan-negozju u tal-komunità (kooperazzjoni ma' setturi differenti tal-ekonomija u l-komunitajiet lokali), l-innovazzjoni bbażata fuq il-post, u l-parteċipazzjoni fil-governanza istituzzjonali.

¹² Ara l-isħarriġ online tal-ECORYS u r-rieżami tal-evidenza tal-OECD. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa (kif adottata fl-2023), tirrakkomanda sistemi ta' valutazzjoni u ppremjari li jirrikonossu diversità ta' outputs, attivitajiet u Prattiki. Dan jinkludi t-tagħlim, il-kooperazzjoni bejn l-akkademja u l-industrija, u l-interazzjoni mas-soċjetà.

¹³ Riċerka mwettqa mill-ECORYS fl-2023.

¹⁴ <https://doi.org/10.1787/ea9d3108-en>.

¹⁵ Ħames Stati Membri għandhom obbligi regolatorji biex itejbu t-tagħlim: DK, EE, FR, LT u LV. Ara Zhang, T. (2022). National Developments in Learning and Teaching in Europe. Brussell: L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Universitajiet.

jassumi rwol ta' tagħlim fl-edukazzjoni għolja, hija saħansitra inqas komuni¹⁶.

1.2.3. Jippromwovu kundizzjonijiet kompetittivi, sikuri, ġusti, ħielsa u mhux diskriminatorji biex jattiraw u jżommu l-persunal

Tagħlim ta' kwalità għolja u kooperazzjoni tranżnazzjonali jistgħu jiġu żviluppati biss f'ambjent tax-xogħol ħieles, sikur, prevedibbli u stabbli. Il-benesseri tal-persunal akkademiku jiddependi fuq diversi fatturi: il-possibbiltà għall-iżvilupp professjonali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fir-reklutaġġ u l-promozzjoni, l-opportunitajiet ta' mobbiltà, u l-libertà intellettuali. Dawn huma fatturi ewlenin biex il-ġenerazzjonijiet żgħażaġh jiġu attirati lejn karriera fid-dinja akkademika. Fl-istess ħin, in-nuqqas ta' inklużività u kompetittività f'termini ta' kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti jista' jiskoraġġixxi lin-nies milli jagħżlu din it-tip ta' karriera. Il-proporzjon għoli ta' kuntratti prekarji fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, speċjalment fil-karrieri fi stadju bikri, ma jħallihomx jiżviluppaw il-ħiliet professjonali tagħhom. Huwa għalhekk li d-dialogu soċjali effettiv u l-libertà akkademika huma elementi ta' appoġġ meħtieġa biex jinkisbu edukazzjoni ta' kwalità għolja u kooperazzjoni tranżnazzjonali.

Il-karatteristiċi speċifiċi tal-edukazzjoni għolja u l-varjetà ta' istituzzjonijiet ifissru li s-sitwazzjoni tal-persunal akkademiku hija pjuttost varjata – b'mod partikolari fost daww il-istadji bikrija tal-karriera tagħhom. Ħafna membri tal-persunal fl-edukazzjoni għolja huma impjegati b'kuntratti għal żmien qasir jew prekarji¹⁷. Filwaqt li dan jista' joffri aktar flessibbiltà lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, jista' wkoll jagħmel il-professjoni akkademika inqas attraenti.

Minbarra s-sigurtà tal-impjieg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-benesseri tal-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali jiddependi wkoll fuq l-assigurazzjoni li jkunu jistgħu jgħallmu mingħajr indħil jew biża' ta' ritaljazzjoni. Fi studju reċenti, li analizza l-awtoperċezzjoni tal-libertà akkademika minn 4 000 membru tal-persunal akkademiku fil-pajjiżi tal-UE, 45 % rrapportaw erożjoni fil-protezzjoni tal-libertà akkademika¹⁸. Kwalunkwe inċident li possibbilment jista' jimmina l-libertà akkademika jista' jfixx ix-xogħol akkademiku, li jseħħ, min-natura tiegħu stess, fi spazju pubbliku. Il-biża' ta' persekuzzjoni għall-fehmiet xjentifiċi hija diżinċentiv kbir biex wieħed jidħol f'karriera fl-edukazzjoni għolja.

L-Ewropa għandha sistema ta' edukazzjoni għolja aċċessibbli ħafna meta mqabbla mal-bqija tad-dinja. Madankollu, il-gruppi żvantaġġati għadhom sottorappreżentati fost l-istudenti, il-persunal akkademiku u r-riċerkaturi. Huwa importanti għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li joħolqu ambjent fejn talenti minn gruppi żvantaġġati jibqgħu fl-akkademja u jikkontribwixxu – bl-esperjenza speċifika tagħhom – għal xogħol akkademiku ta' kwalità għolja¹⁹. Il-persunal akkademiku minn gruppi sottorappreżentati jista' jaġixxi bħala mudelli għal studenti żvantaġġati, li potenzjalment jista' jgħin biex jattira talenti differenti. Meta jitqies ir-rwol tas-soċjetà tal-akkademja, jeħtieġ li din tkun miftuħa għad-diversità u toħloq kundizzjonijiet mhux diskriminatorji u sikuri biex il-persunal kollu jkun jista' jinnova u jgħalliem. In-nuqqas ta' opportunitajiet inklużivi u aċċessibbli ta' reklutaġġ, impjieg u mobbiltà għall-persuni b'diżabilità jiskoraġġihom milli jibdew jew iżommu karriera f'dan il-

¹⁶ <https://doi.org/10.1787/ea9d3108-en>.

¹⁷ L-evidenza tindika li f'xi sistemi, madwar kwart tal-persunal jista' jiġi impjegat b'kuntratti għal żmien qasir: <https://doi.org/10.1787/ea9d3108-en>.

¹⁸ Karran, T. & K. Beiter (2020), 'Academic freedom in the European Union: legalities and realities', f'Bergan, S., T. Gallagher u I. Harkavy (eds.), *Academic Freedom, Institutional Autonomy and the Future of Democracy*, UN Educational, Scientific and Cultural Organization, Council of Europe Publishing, Strażburgu.

¹⁹ [Community engagement in higher education: trends, practices and policies - NESET \(nesetweb.eu\)](https://www.nesetweb.eu/).

qasam. Fl-2020, sitt darbiet inqas persuni b'diżabilità minn dawk mingħajr ma ħadmu fis-settur tal-edukazzjoni²⁰. L-evidenza tindika żbilanċi persistenti bejn il-ġeneri, inkluża l-inugwaljanza kuntrattwali²¹. In-nisa huma ħafna drabi impjegati b'kuntratti prekarji (9 % vs 7.7 % fl-2019) u temporanji (3.9 punti perċentwali aktar) aktar mill-irġiel. Minkejja l-progress fis-snin reċenti, in-nisa huma sottorappreżentati fost il-persunal akkademiku fix-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija, il-Matematika (STEM), u f'pożizzjonijiet għoljin. Tali differenzi bejn il-ġeneri jista' jkollhom influwenza diretta fuq id-differenza tal-pagi bejn il-ġeneri, peress li l-oqsma STEM għandhom it-tendenza li jkunu assoċjati ma' livelli oġhla ta' pagi. Il-proporzjon medju ta' nisa li għandhom professorati sħaħ jew pożizzjonijiet ekwivalenti huwa ta' 26 % fl-UE, u hemm żbilanċ saħansitra akbar bejn il-ġeneri fil-governanza, fejn 24 % biss tal-kapijiet tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja huma nisa.

It-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-indirizzar tal-ostakli u inugwaljanzi bejn il-ġeneri fil-karrieri akkademiċi għandhom rwol importanti fil-promozzjoni ta' kundizzjonijiet kompetittivi, ħielsa, inklużivi, sikuri, ġusti u mhux diskriminatorji fl-akkademja, peress li huma parti mill-elementi meħtieġa biex tizzied l-attraenza tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għall-persunal akkademiku u jitrawmu tagħlim ta' kwalità għolja u kooperazzjoni tranżnazzjonali.

Id-*data* dwar il-karrieri akkademiċi spiss hija frammentata, u dan jagħmilha diffiċli li jiġu analizzati ċerti aspetti fil-fond. Il-ħidma biex jimtlew xi lakuni eżistenti fid-*data* diġà bdiet bħala parti mill-ħidma mwettqa mill-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Edukazzjoni Għolja²² u l-osservatorju tal-karrieri fir-riċerka, li għandha tiġi żviluppata fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka għall-monitoraġġ tal-karrieri fir-riċerka fis-setturi kollha²³. Madankollu, huma meħtieġa għbir u integrazzjoni aħjar tad-*data* kemm biex tiġi mmonitorata t-trasformazzjoni istituzzjonali fis-settur tal-edukazzjoni għolja tal-UE kif ukoll biex jiġi infurmat it-tfassil tal-politika.

1.3. Obiettivi segwiti mir-rakkomandazzjoni proposta tal-Kunsill

Din ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għandha l-għan li toħloq qafas komuni fil-livell tal-UE dwar karrieri attraenti, inklużivi u sostenibbli fl-edukazzjoni għolja.

1.4. Konsistenza ma' dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-proposta hija riżultat ewlieni taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u tibni fuq il-ħidma preċedenti stabbilita fil-paragrafi ta' hawn taħt.

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija Ewropea għall-universitajiet²⁴ tenfasizza l-ħtieġa għal “karrieri akkademiċi flessibbli u attraenti fl-edukazzjoni għolja”. Il-Komunikazzjoni tiddikjara li l-“Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati u l-Istati Membri, se tipproponi qafas Ewropew għal karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni oġhla” “f'sinerġija mal-qafas tal-karriera fir-riċerka żviluppata taħt

²⁰ Għarfien Espert Ewropew dwar id-Diżabilità, L-impjeg ta' persuni b'diżabilità, [Rapporti — Impjegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni — Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

²¹ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, She figures 2021 – Gender in research and innovation – Statistics and indicators, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021, <https://data.europa.eu/doi/10.2777/06090>.

²² Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar strateġija Ewropea għall-universitajiet, 18 ta' Jannar 2022, COM (2022) 16 final. Il-Kummissjoni għandha twaqqaf l-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Edukazzjoni Għolja. Dan l-Osservatorju jgħaqqad l-aħjar għodod u kapaċitajiet attwali tad-*data* tal-UE f'post wieħed, filwaqt li jkompli jsaħħaħ l-użu tagħhom.

²³ Il-programm ta' Ħidma tal-Ewropa 2023–2024, “Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka”.

²⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar strateġija Ewropea għall-universitajiet, 18 ta' Jannar 2022, COM(2022) 16 final.

iż-Żona Ewropea tar-Riċerka”. Hija tappella wkoll lill-Istati Membri biex jippromwovu l-parità tal-istima bejn perkorsi differenti tal-karriera akkademika u jipprovdu aktar flessibilità għall-karrieri akkademiċi, lil hinn mill-akkademja.

Dan l-oġġettiv għe mtenni ulterjorment fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija Ewropea li ssaħħa l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għall-futur tal-Ewropa²⁵ li jiddikjaraw li “il-varjetà sħiħa ta’ attivitajiet tal-akkademiċi kemm fi ħdan id-dinja akkademika kif ukoll lil hinn minnha, fuq id-dimensjonijiet kollha tal-missjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, jeħtieġ li titqies fil-valutazzjonijiet tal-karriera tagħhom”.

Din il-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill tqis l-esperjenzi tal-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie, li jikkontribwixxu għal dawn l-oġġettivi billi (i) jattiraw talent internazzjonali lejn l-Ewropa; (ii) il-promozzjoni ta’ kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti; u (iii) l-appoġġ tat-taħriġ, il-mobbiltà u l-iżvilupp tal-karriera tar-riċerkaturi u l-persunal akkademiku fl-Ewropa.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ Qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa²⁶, għandha l-għan li ssaħħa l-karrieri fir-riċerka fis-setturi kollha, inkluż bl-introduzzjoni ta’ Karta Ewropea għidida għar-Riċerkaturi. Kemm il-qafas kif ukoll il-Karta huma konformi mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-“Approfondiment taż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Nagħtu lir-riċerkaturi karrieri u kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u sostenibbli u nagħmlu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ realtà”²⁷ adottata f’Mejju 2021, u riżultat ewlieni anness mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar “Il-governanza futura taż-Żona Ewropea tar-Riċerka”²⁸.

Fit-13 ta’ Novembru 2023, il-Kummissjoni adottat proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill “Ewropa Attiva – opportunitajiet ta’ mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd”²⁹. Dik ir-rakkomandazzjoni proposta għandha l-għan li tipprovdi opportunitajiet għall-edukaturi, għall-persunal u għall-istudenti fi kwalunkwe età.

Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn minnha (2021-2030)³⁰ tistabbilixxi bħala prijorità, “li t-tagħlim tul il-ħajja u l-mobbiltà jsiru realtà għal kulħadd”. Din il-prijorità tissaħħa permezz ta’ azzjonijiet li jippromwovu “mentalità ta’ taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet madwar l-Unjoni”³¹ matul is-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023/2024 u politiki dwar il-ħiliet biex iqabblu l-ħtiġijiet u s-settijiet tal-ħiliet tal-istudenti (inklużi dawk miksuba matul il-mobbiltà) mal-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol.

²⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija Ewropea li ssaħħa l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għall-futur tal-Ewropa (ĠU C 167, 21.4.2022, p. 9).

²⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2023 dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa (ĠU C, C/2023/1640, 29.12.2023, p. 1).

²⁷ <https://www.consilium.europa.eu/media/49980/st09138-en21.pdf>

²⁸ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14308-2021-INIT/en/pdf>. Ara l-azzjonijiet 4 “Promozzjoni ta’ karrieri fir-riċerka attraenti u sostenibbli, ċirkolazzjoni bilanċjata tat-talenti u mobbiltà internazzjonali, transdixiplinari u intersettorjali madwar iż-ŻER”; 3, “Progress lejn ir-riforma tas-Sistema ta’ Valutazzjoni għar-riċerka, ir-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet biex jittejjbu l-kwalità, il-prestazzjoni u l-impatt tagħhom”; u 5 “Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-trawwim tal-inklużività, filwaqt li tittieħed nota tad-dikjarazzjoni ta’ Ljubljana”.

²⁹ Proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill “Ewropa Attiva” – opportunitajiet ta’ mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd, 15 ta’ Novembru 2023, COM(2023) 719 final.

³⁰ Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn minnha (ĠU C 66, 26.2.2021).

³¹ Deċiżjoni (UE) 2023/936 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Mejju 2023 dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet (ĠU L 125, 11.5.2023, p. 1).

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2023 dwar it-titjib tal-forniment tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ³² tappella lill-Istati Membri biex “ilkomplu jtejbju l-miżuri għar-reklutaġġ u t-taħriġ tal-ġhalliema b'għarfien espert fl-oqsma ta' (...) teknoloġiji diġitali avvanzati fl-edukazzjoni għolja, filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa taġħhom għal firxa varjata ta' ħiliet pedagoġiċi u didattiċi”.

1.5. Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Billi ssaħħaħ l-edukazzjoni għolja, din il-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill tikkontribwixxi għall-isforzi tal-Ewropa biex tinvesti fin-nies u fil-ħiliet taġħhom, filwaqt li tqiegħed il-pedament għal tkabbir sostnut, kompetittività u livell għoli ta' impjegi, f'konformità mas-Semestru Ewropew.

Hija konsistenti wkoll mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali³³, li jistabbilixxi prinċipji u drittijiet essenzjali relatati ma' opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u protezzjoni u inklużjoni soċjali, u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Novembru 2019 dwar “Aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom”³⁴.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

2.1. Bażi ġuridika

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 165(4) u 166(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 165(1) tat-TFUE jistabbilixxi li l-Unjoni għandha “għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità billi tinkoraġġixxi koperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk ikun meħtieġ, billi tappoġġa u tissupplimenta l-azzjonijiet taġħhom, filwaqt li tirrispetta għal kollox ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għal dak li hu kontenut ta' taġħlim u l-organizzazzjoni ta' sistemi ta' edukazzjoni u d-diversità kulturali u lingwistika taġħhom”. L-Artikolu 165(2) tat-TFUE jispeċifika wkoll li l-azzjoni tal-Unjoni fl-edukazzjoni hija mmirata lejn “il-promozzjoni ta' koperazzjoni bejn istituzzjonijiet edukattivi” u “l-inkoraġġiment tal-mobbiltà tal-istudenti u l-ġhalliema.

L-Artikolu 166(1) tat-TFUE jstipula li l-Unjoni għandha timplimenta politika ta' taħriġ vokazzjonali. L-Artikolu 166(2) tat-TFUE jiddikjara li l-azzjoni tal-Unjoni għandu jkollha l-għan li “tistimula l-koperazzjoni fit-taħriġ bejn l-istituzzjonijiet u l-kumpaniji edukattivi jew ta' taħriġ”.

Barra minn hekk, il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 153(1)(b)(i) flimkien mal-Artikolu 292. Filwaqt li l-Artikolu 153(1)(b)(i) jiddikjaraw li l-Unjoni għandha tappoġġa u tikkomplementa l-attivitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward tal-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol u t-trattament fuq il-post tax-xogħol, l-Artikolu 292 tat-TFUE jipprovdi l-bażi ġuridika għall-Kunsill biex jadotta rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq proposta mill-Kummissjoni.

L-inizjattiva ma tippromponi l-ebda estensjoni tas-setgħa regolatorja tal-UE jew impenji vinkolanti fuq l-Istati Membri. Huma l-Istati Membri li se jiddeċiedu, abbażi taċ-ċirkostanzi nazzjonali taġħhom, kif jimplementaw din ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

³² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2023 dwar it-titjib tal-forniment tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ĠU C, C/2024/1030, 23.1.2024).

³³ Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10).

³⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1).

2.2. Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif previst fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Hija tfittex li żżid il-kooperazzjoni tranżnazzjonali fl-edukazzjoni għolja filwaqt li tissalvagwardja l-kapaċità tal-Istati Membri li jieħdu deċiżjonijiet leġiżlattivi indipendenti u jimplimentaw miżuri mmirati lejn it-trawwim ta' kooperazzjoni aktar profonda bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja. Minkejja r-responsabbiltà tal-Istati Membri, il-kwistjonijiet ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali huma min-natura tagħhom indirizzati aħjar fil-livell tal-UE, permezz ta' azzjoni konġunta.

2.3. Proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif previst fl-Artikolu 5(4) tat-TUE. La l-kontenut u lanqas il-forma tal-proposta ma jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha. L-azzjonijiet proposti huma proporzjonali għall-oġġettivi segwiti minħabba li jirrispettaw il-prattiki tal-Istati Membri u d-diversità tas-sistemi. Kwalunkwe impenn mill-Istati Membri huwa volontarju fin-natura tiegħu u kull Stat Membru jibqa' liberu li jiddeċiedi dwar l-implimentazzjoni tal-proposta. Il-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE huwa li titrawwem kooperazzjoni tranżnazzjonali aktar profonda bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja minn Stati Membri differenti, biex jittejjeb il-funzjonament tal-edukazzjoni għolja fl-UE u tiżdied l-attraenza u l-kompetittività tagħha madwar id-dinja.

2.4. L-għażla tal-istrument

Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi msemmija hawn fuq, l-Artikoli 165(4) u 166(4) tat-TFUE, kif ukoll l-Artikolu 292 kif spjegat hawn fuq, jipprevedu l-adozzjoni mill-Kunsill ta' rakkomandazzjonijiet, fuq proposta mill-Kummissjoni. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill hija strument xieraq fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, fejn l-Unjoni għandha responsabbiltà ta' appoġġ.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

3.1. Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Matul dawn l-aħħar snin twettqu bosta attivitajiet ta' konsultazzjoni fil-laqgħat ta': (i) il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni Għolja tal-Qafas Strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni; (ii) id-Diretturi Ġenerali għall-Edukazzjoni Għolja, u (iii) il-Grupp ta' Segwitu ta' Bolonja u tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Apprendiment u t-Tagħlim.

Saru diskussjonijiet regolari bejn il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, l-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-Universitajiet Ewropej. Ħafna partijiet ikkonċernati pprovdew kontribut f'kontributi bil-miktub (EUA, YERUN, LERU, CESAER, The Guild, EURASHE³⁵).

Stħarriġ online kompli jsaħħaħ il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati, kif għamlu s-sejbiet minn rieżami tal-letteratura preċedenti. Dan l-istħarriġ u dawn is-sejbiet indikaw b'mod ċar in-nuqqas perċepit ta' rikonnoxximent għat-tagħlim u attivitajiet oħra meta mqabbla mar-

³⁵ EUA: L-Assoċjazzjoni tal-Universitajiet Ewropej YERUN: In-Network tal-Universitajiet tar-Riċerka Ewropej li m'ihomx imwaqqfin LERU: Il-Lega tal-Universitajiet tar-Riċerka Ewropej CESAER: Konferenza tal-Iskejjel Ewropej għall-Edukazzjoni u r-Riċerka Avanzata tal-Inġinerija; Il-Guild: Il-Guild tal-Universitajiet Ewropej Intensivi fir-Riċerka; EURASHE: L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja.

riċerka, f'karrieri akkademiċi f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja. Is-sejħa għall-evidenza³⁶ ġiet ippubblikata fid-9 ta' Jannar 2024 u għalqet fis-6 ta' Frar 2024, u l-partijiet ikkonċernati ġeneralment laqgħu l-inizjattiva.

Il-Kummissjoni kellha wkoll skambji mas-sħab soċjali bħall-ETUCE³⁷ matul il-proċess ta' tħejjija ta' din ir-rakkomandazzjoni.

3.2. Ġbir u użu tal-għarfien espert

Il-proposta hija bbażata fuq l-evidenza u l-kontribut li waslu minn studji u rapporti: L-analiżi komprensiva tal-letteratura u s'tħarriġ online ta' ECORYS, inklużi laqgħat ta' konsultazzjoni u gruppi fokali³⁸; l-analiżi tal-evidenza tal-OECD dwar il-karrieri akkademiċi³⁹, u rieżami komplementari dwar il-benesseri tal-persunal akkademiku mwettaq min-NESET⁴⁰.

Kontributi bbażati fuq proġetti ffinanzjati minn Erasmus+ li jinvolvu organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati pprovdew ukoll kontribut: il-proġett LOTUS⁴¹ ikkoordinat mill-EUA u l-proġett E-note⁴².

3.3. Valutazzjoni tal-impatt

Ma saritx valutazzjoni tal-impatt, minħabba n-natura volontarja tal-attivitajiet proposti u l-ambitu tal-impatti mistennija. L-iżvilupp tal-proposta ġie infurmat minn studji preċedenti, konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u l-Istati Membri, u sejħa għal evidenza.

3.4. Drittijiet fundamentali

Il-proposta tirrispetta l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea⁴³, b'mod partikolari d-dritt għall-edukazzjoni skont l-Artikolu 14, ir-rispett għall-arti u l-libertà xjentifika u akkademika skont l-Artikolu 13, in-nondiskriminazzjoni skont l-Artikolu 21, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel skont l-Artikolu 23, u d-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa skont l-Artikolu 31.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Filwaqt li din l-inizjattiva mhux se tkun teħtieġ riżorsi addizzjonali mill-baġit tal-UE, il-miżuri f'din ir-rakkomandazzjoni se jimmobilizzaw is-sorsi ta' finanzjament fil-livell tal-UE, nazzjonali u reġjonali.

5. ELEMENTI OĦRA

Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar

Il-Kummissjoni beħsiebha:

- Tiffaċilita t-tagħlim bejn il-pari fost l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-partijiet ikkonċernati, inklużi l-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej dwar it-

³⁶ [Attractive and sustainable careers in higher education \(europa.eu\).](https://ec.europa.eu/eurobarometer/surveys/trends/careers/index_en)

³⁷ Il-Kumitat Ewropew tat-Trade Unions għall-Edukazzjoni.

³⁸ Riċerka mwettqa mill-ECORYS fl-2023.

³⁹ [https://doi.org/10.1787/ea9d3108-en.](https://doi.org/10.1787/ea9d3108-en)

⁴⁰ [https://nesetweb.eu/en/resources/library/student-and-staff-mental-wellbeing-in-european-higher-education-institutions/.](https://nesetweb.eu/en/resources/library/student-and-staff-mental-wellbeing-in-european-higher-education-institutions/)

⁴¹ "Leadership and Organisation for Teaching and Learning at European Universities": [LOTUS \(eua.eu\).](https://eua.eu)

⁴² [Home - European Network on Teaching Excellence.](https://home-europeannetworkonteachingexcellence.eu)

⁴³ Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391).

titjib tat-tagħlim; il-mekkaniżmi li jiżguraw ir-rikonoxximent tat-tagħlim u l-involviment f'attivitajiet ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali, u li jipprovdu perkorsi sostenibbli tal-karriera u miżuri xierqa ta' ġestjoni tat-talenti għall-persunal akkademiku u l-persunal tas-servizzi professjonali.

- Trawwem sinerġiji bejn din il-proposta u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa. Dan jista' jgħin biex jiġu żgurati karrieri mtejbja u konsistenti għall-persunal akkademiku li jaħdem f'istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u tar-riċerka.
- Tiffaċilita l-politika bbażata fuq l-evidenza u timmonitora l-progress ta' din il-proposta billi timmappja, permezz tal-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Edukazzjoni Għolja, id-*data* eżistenti dwar il-karriera fl-edukazzjoni għolja u l-politika tal-persunal fil-livelli Ewropej, nazzjonali u istituzzjonali. Il-Kummissjoni beħsiebha wkoll tidentifika lakuni u ħtiġijiet fid-*data* u tikkunsidra r-rabtiet rilevanti bejn l-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Edukazzjoni Għolja u l-osservatorju dwar il-karrieri fir-riċerka żviluppati fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni għolja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 292 flimkien mal-Artikolu 153(1)(b)(i), u l-Artikoli 165(4) u 166(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mingħand il-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Persunal ta' kwalità għolja huwa essenzjali għal istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja tal-Unjoni b'saħħithom u kooperazzjoni tranżnazzjonali aktar profonda bejn l-Istati Membri, f'konformità mal-istrateġija Ewropea għall-universitajiet⁴⁴.
- (2) "Persunal akkademiku" fl-edukazzjoni għolja għandu jinftehem bħala persunal li l-assenjazzjoni primarja jew maġġuri tiegħu hija t-tagħlim jew ir-riċerka f'istituzzjonijiet li joffru programmi fil-livelli 5 sa 8 tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK)⁴⁵. Il-persunal fil-mira ta' din ir-Rakkomandazzjoni jenħtieġ li jinftehem li jinkludi persunal li jaħdem f'istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jagħmlu kemm tagħlim kif ukoll riċerka, u persunal li jgħalliem biss jew fil-biċċa l-kbira, irrispettivament mill-istatus tagħhom. Dan jinkludi wkoll riċerkaturi li jaħdmu f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, li jista' ma jkollhomx inkarigu ta' tagħlim permanenti, iżda li jkunu involuti fil-ħajja tal-istituzzjoni u li kultant jistgħu jkunu involuti fit-tagħlim.
- (3) Xi rakkomandazzjonijiet jinkludu persunal tas-servizzi professjonali li mhuwiex strettament meqjus bħala "persunal akkademiku", iżda li għandu għarfien espert estensiv ta' livell għoli f'oqsma strateġiċi, legali jew ta' komunikazzjoni, professjonisti li jaħdmu f'oqsma relatati ma' kompiti akkademiċi iżda mingħajr involviment dirett fihom, jew professjonisti tal-edukazzjoni għolja b'għarfien estensiv tal-edukazzjoni għolja u politika rilevanti oħra.
- (4) L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja qed jesperjenzaw kundizzjonijiet li qed jinbidlu u qed jinħolqu tipi ġodda ta' attivitajiet akkademiċi. Il-persunal akkademiku fl-edukazzjoni għolja huwa mistenni li jissodisfa diversi rwoli mill-edukazzjoni u r-riċerka tradizzjonali sal-intraprenditorija u l-innovazzjoni, il-valorizzazzjoni tal-għarfien, il-kooperazzjoni tranżnazzjonali, l-involviment tan-negozju u tal-komunità⁴⁶,

⁴⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar strateġija Ewropea għall-universitajiet, 18 ta' Jannar 2022, COM(2022) 16 final.

⁴⁵ [Il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki \(QEK\) | Europass](#).

⁴⁶ Il-missjoni tal-edukazzjoni għolja tmur lil hinn mill-funzjonijiet tal-edukazzjoni u r-riċerka. L-involviment tan-negozju jfisser l-istabbiliment ta' sħubijiet bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u n-negozju, li jgħibu benefiċċji reċiproċi bħall-aċċess għal teknoloġiji ġodda għall-kumpaniji, u l-aċċess għal tagħmir, għarfien espert jew networks lil hinn mill-akkademja għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja. L-impenn Komunitarju jfisser it-

l-iżvilupp reġjonali u lokali, il-mentoraġġ, l-amministrazzjoni u l-ġestjoni u l-parteeipazzjoni fil-governanza istituzzjonali. Dawn id-diversi rwoli huma rikonoxxuti b'mod mhux uniformi. Sabiex jiġi indirizzat il-preġudizzju fl-istrutturi tal-karriera u r-rikonoxximent soċjali ġenerali tar-riċerka għad-detriment tat-tagħlim u attivitajiet akkademiċi oħra mhux ta' riċerka, ikun xieraq li jiġu promossi approċċi li jirrikonoxxu diversi perkorsi ta' karriera akkademika u li dawn jiġu kkunsidrati fil-proċessi ta' evalwazzjoni tal-persunal u ta' promozzjoni tal-karriera.

- (5) Il-ħolqien ta' kundizzjonijiet aħjar għall-persunal akkademiku u l-indirizzar ta' ostakli jista' jgħin biex tiżdied l-attrazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja bħala postijiet tax-xogħol u jsaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jiskattaw effetti konsegwenzjali pożittivi addizzjonali, b'mod partikolari fuq is-suq tax-xogħol billi jstimulaw l-iżvilupp tat-talent. Persunal akkademiku aktar apprezzat u appoġġjat jista' jgħin biex titrawwem il-forza tax-xogħol meħtieġa għall-iżvilupp ta' ekonomiji reġjonali, li huma dejjem aktar dipendenti fuq l-għarfien, l-innovazzjoni, u persuni b'ħiliet għolja. L-importanza ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja attraenti u effettivi ġiet rikonoxxuta b'mod speċjali f'reġjuni f'nassa tal-iżvilupp tat-talenti jew f'riskju li jaqgħu f'waħda, li għadhom lura f'termini ta' ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi godda⁴⁷.
- (6) Attivitajiet tranżnazzjonali dejjem aktar strateġiċi, inkluż il-bini ta' alleanzi tal-Universitajiet Ewropej⁴⁸ u l-iżvilupp ta' programmi edukattivi tranżnazzjonali, jirrikjedu li l-persunal akkademiku, kif ukoll il-persunal tas-servizzi professjonali jiddedika ħin u enerġija addizzjonali għal dawk l-attivitajiet minbarra t-tagħlim u r-riċerka ewlenin. Sabiex jiġu żviluppati aktar dawn l-attivitajiet, il-mekkaniżmi ta' evalwazzjoni u promozzjoni jeħtieġ li jirrikonoxxu l-involvement tal-persunal fil-ħidma dwar il-kooperazzjoni tranżnazzjonali.
- (7) Ambjent tax-xogħol ħieles u mhux diskriminatorju huwa fattur abilitanti importanti għall-persunal akkademiku biex jipprovdi tagħlim ta' kwalità għolja. Il-libertà akkademika jenħtieġ li tiġi protetta u promossa biex jinżamm il-livell għoli li jgawdi minnu l-persunal akkademiku fl-Unjoni. Il-persunal akkademiku u l-persunal tas-servizzi professjonali jistgħu jiffaċċjaw ukoll sfidi ta' kundizzjonijiet tax-xogħol⁴⁹ mhux sodisfaċenti, ammont kbir ta' xogħol u preġudizzji tal-ġeneru fil-valutazzjoni u r-rikonoxximent. Barra minn hekk, in-nisa huma aktar ta' spiss impjegati b'kuntratti prekarji u temporanji mill-irġiel⁵⁰. Sabiex jiġu indirizzati dawk l-isfidi, huwa meħtieġ li jiġu promossi kundizzjonijiet tax-xogħol kompetittivi, aċċessibbli u ġusti fl-akkademja.
- (8) L-azzjoni tal-Unjoni lejn l-inklużività, id-diversità u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni għolja hija bbażata fuq approċċ ta' eċċellenza inklużiv. Hija tfittex li tappoġġja l-edukazzjoni għolja eċċellenti filwaqt li tiżgura l-ugwaljanza tal-

tisħiħ tal-valuri demokratiċi u l-impenn ċiviku, l-indirizzar tal-ħtiġijiet ta' gruppi vulnerabbli, il-kontribut għall-iżvilupp kulturali, l-infurmar tal-politika pubblika u l-indirizzar tal-isfidi soċjali fuq skala kbira.

⁴⁷ Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa, 17 ta' Jannar 2023, COM(2023) 32 final.

⁴⁸ L-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej hija inizjattiva tal-UE li għandha l-għan li tistabbilixxi alleanzi bejn istituzzjonijiet ogħla minn madwar l-Ewropa. Din tiġi implimentata primarjament permezz tal-finanzjament tal-Erasmus+.

⁴⁹ Inkluż in-nuqqas ta' miżuri ta' akkomodazzjoni raġonevoli għall-persuni b'diżabilità, id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi, 2000/78/KE

⁵⁰ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, She figures 2021 – Gender in research and innovation – Statistics and indicators, Publications Office, 2021, <https://data.europa.eu/doi/10.2777/06090>.

parteċipazzjoni b'enfasi speċjali fuq komunitajiet sottorappreżentati u żvantaġġati. Sabiex tiġi indirizzata s-sottorappreżentazzjoni ta' ċerti gruppi fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, b'mod partikolari f'pożizzjonijiet ta' tmexxija, ikun xieraq li jiġu promossi pjanijiet ta' diversità u inklużjoni fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, u fil-proċessi ta' promozzjoni tal-karriera.

- (9) Din ir-Rakkomandazzjoni hija mfassla f'sinerġija mill-qrib mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-Ewropa⁵¹, li timmira lejn karrieri fir-riċerka aktar attraenti fis-setturi kollha, inkluża l-akkademja, u lejn rikonoxximent sħiħ għat-tipi kollha ta' perkorsi ta' karriera. Iż-żewġ rakkomandazzjonijiet għandhom l-għan li jtejbju l-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-istabbiltà tal-karrieri, il-ħiliet, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-inklużività u l-miżuri ta' protezzjoni soċjali għall-gruppi fil-mira rispettivi tagħhom.
- (10) Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tħeġġeġ rikonoxximent aħjar tal-enerġija u tal-ħin li l-persunal akkademiku u persunal ieħor tas-servizzi professjonali jiddedikaw għal attivitajiet ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali, pereżempju l-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej. Għall-implimentazzjoni sħiħa ta' din l-inizjattiva⁵², u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali, inkluż l-iżvilupp ta' lawrji konġunti, jenħtieġ li jiġi promoss l-involvement sħiħ tal-persunal u l-perspettivi tal-karriera għall-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali involut fil-funzjonijiet ta' koordinazzjoni strateġika. L-inċentivar tal-persunal biex jippromwovi l-mobbiltà tranżnazzjonali u intersettorjali għandu jikkontribwixxi ħafna wkoll għall-iżvilupp ta' programmi edukattivi tranżnazzjonali innovattivi u interdixxiplinari, għall-benefiċċju tal-istudenti kollha.
- (11) Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tippromwovi miżuri li jtejbju l-iżvilupp professjonali kontinwu, u li tirrikonoxxi aktar il-varjetà ta' attivitajiet li jwettqu l-persunal akkademiku. Dan se jippermetti mobilizzazzjoni sħiħa tal-persunal biex jiżviluppa tagħlim u apprendiment innovattiv, jistimula l-mentalità ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, u jippromwovi l-akkwist ta' ħiliet għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż l-użu tal-intelliġenza artifiċjali fit-tagħlim.
- (12) Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tippromwovi kundizzjonijiet kompetittivi, ġusti, inklużivi, aċċessibbli, sikuri u nondiskriminatorji biex il-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali jiġi attirat lejn is-settur tal-edukazzjoni għolja u jinżamm fih. Il-persunal akkademiku għandu jkun jista' jiżviluppa metodi ta' tagħlim innovattivi f'ambjent fejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu kompetittivi u ġusti u fejn id-drittijiet fundamentali jkunu protetti u ma jkun hemm l-ebda biża' ta' ritaljazzjoni u/jew influwenza esterna indebita.
- (13) Din ir-Rakkomandazzjoni għandha wkoll l-għan li ttejjeb il-bażi tal-evidenza għall-iżvilupp ta' politiki u strateġiji dwar ir-riżorsi umani fl-edukazzjoni għolja. Peress li ma tinġabar l-ebda *data* komparabbli internazzjonalment b'mod sistematiku dwar il-persunal akkademiku u jintużaw settijiet diverġenti ta' kategoriji tal-persunal f'sistemi differenti tal-edukazzjoni għolja, ikun xieraq li tiġi esplorata l-possibbiltà li tinġabar

⁵¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2023 dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa (ĠU C, C/2023/1640, 29.12.2023, p. 1).

⁵² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar strateġija Ewropea għall-universitajiet, 18 ta' Jannar 2022, COM(2022) 16 final.

data aktar dettaljata biex jiġu mmonitorjati biżżejjed ix-xejriet emerġenti u biex jittieħdu passi ta' politika verament ibbażati fuq l-evidenza għal kooperazzjoni tranżnazzjonali aktar profonda fil-livell tal-Unjoni.

- (14) B'appoġġ għal din ir-Rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tikkordina, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u s-sħab soċjali, fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni Għolja tal-Qafas Strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni⁵³, it-tnejn ta' linji gwida biex jipprovdu pariri dwar kif l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jistgħu jtejb u l-attraenza tal-karrieri tal-persunal ta' appoġġ akkademiku u professjonali, u qafas Ewropew ta' kompetenzi għall-persunal akkademiku, biex tittejjeb il-permeabbiltà tal-karrieri fis-setturi kollha, filwaqt li tibni fuq l-oqfsa ta' kompetenza rilevanti eżistenti fil-livell tal-Unjoni, bħall-Qafas Ewropew ta' Kompetenza għar-Riċerkaturi (ResearchComp)⁵⁴.
- (15) Il-Kummissjoni beħsiebha wkoll tappoġġa l-organizzazzjoni ta' djalogu soċjali ddedikat fil-livell tal-Unjoni dwar il-karrieri tal-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali, tiffaċilita t-tagħlim bejn il-pari bejn l-Istati Membri dwar mekkaniżmi effettivi li jiżguraw ir-rikonoxximent tal-involvement tal-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali fil-kooperazzjoni tranżnazzjonali, u attivitajiet ta' tagħlim innovattivi; u tappoġġa l-politika bbażata fuq l-evidenza u l-monitoraġġ tal-progress billi timmappja, permezz tal-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Edukazzjoni Għolja⁵⁵, id-*data* eżistenti dwar il-karriera fl-edukazzjoni għolja u l-politika tal-persunal fil-livell Ewropew, nazzjonali u istituzzjonali, u tidentifika l-lakuni u l-ħtiġijiet tad-*data*.
- (16) Il-Kummissjoni trawwem sinerġiji mar-Rakkomandazzjoni dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew biex tattira u żżomm it-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa, biex tiżgura karrieri mtejb u konsistenti għall-persunal akkademiku li jaħdem f'istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u li jkun involut kemm fit-tagħlim kif ukoll fir-riċerka.
- (17) Il-Kummissjoni beħsiebha tkompli tiżviluppa, tippromwovi u ttipprovdi appoġġ għall-kooperazzjoni edukattiva tranżnazzjonali u l-eċċellenza edukattiva innovattiva permezz ta' sorsi ta' finanzjament rilevanti fil-livell tal-Unjoni, inkluż permezz tal-programm Erasmus +⁵⁶, u thegġegħ lill-Istati Membri jużaw l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku biex jirċievu għarfien espert tekniku mfassal apposta biex ifasslu u jimplimentaw ir-riformi meħtieġa fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, inkluż billi jrawmu l-kooperazzjoni bejn dawk li jfasslu l-politika, ir-riċerka u l-akkademja u billi jiżviluppaw l-attraenza tal-karrieri akkademiċi,

⁵³ Arranġamenti skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, it-30 ta' Settembru 2020, COM(2020) 625 final.

⁵⁴ [ResearchComp: The European Competence Framework for Researchers - European Commission \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/research-comp/).

⁵⁵ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar strateġija Ewropea għall-universitajiet, 18 ta' Jannar 2022, COM (2022) 16 final. Il-Kummissjoni qed twaqqaf l-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Edukazzjoni Għolja. Dan l-Osservatorju suppost li jgħaqqad l-aħjar għodod u kapaċitajiet attwali tad-*data* tal-UE f'post wieħed, filwaqt li jkompli jsaħħaħ l-użu tagħhom.

⁵⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u tatriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1).

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Kooperazzjoni tranżnazzjonali

1. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jippromwovu, jirrikonoxxu u jivvalutaw l-involviment f'kooperazzjoni tranżnazzjonali aktar profonda, b'mod partikolari:
 - (a) jinkoraġġixxu u jappoġġjaw l-involviment tal-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali f'attivitajiet ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali aktar profondi b'hal programmi għal lawrja konġunta jew offerti konġunti ta' edukazzjoni u taħriġ li jwasslu għal mikrokredenzjali⁵⁷, fil-livelli kollha u fid-dixxiplini kollha, billi jivvalutaw tali attivitajiet. Pereżempju, permezz ta':
 - (i) jikkunsidraw l-integrazzjoni tal-oġettivi relatati mal-kooperazzjoni edukattiva tranżnazzjonali fil-mogħdijiet tal-karriera, u fil-politika tal-persunal fil-livelli nazzjonali u istituzzjonali;
 - (ii) iqisu l-iżvilupp ta' attivitajiet edukattivi tranżnazzjonali konġunti fl-evalwazzjoni tal-karriera akkademika tal-persunal akkademiku;
 - (iii) iqisu l-ħidma relatata mal-kooperazzjoni tranżnazzjonali fit-total tas-siġhat tax-xogħol tal-persunal akkademiku;
 - (b) ikollhom l-għan, fi djalogu mas-settur tal-edukazzjoni għolja, li jiżviluppaw perspettivi tal-karriera fit-tul u miżuri ta' ġestjoni tat-talenti mmirati lejn il-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali involuti fil-koordinazzjoni u l-ġestjoni tal-alleanzi tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, b'hal-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej;
 - (c) jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' opportunitajiet ġodda għall-mobbiltà Ewropea u internazzjonali, filwaqt li joffru wkoll forom alternattivi għal dawk li ma jistgħux jivvjaġġaw, għall-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali, anke billi jisfruttaw l-istrumenti eżistenti għall-ġestjoni tal-karriera u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, b'hal-pjattaforma Europass⁵⁸ u n-network ta' kooperazzjoni Ewropea tal-konsulenti⁵⁹ tal-mobbiltà tas-servizzi tal-impjiegi (EURES);
 - (d) jappoġġjaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex jiżguraw li jkunu jistgħu jiddedikaw kapaċità adegwata tar-riżorsi umani għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali;
 - (e) jinkoraġġixxu l-possibbiltà li l-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali jipprattika t-tagħlim tul il-ħajja, inkluż billi jmur fuq liv sabbatiku għall-finijiet tat-titjib tal-ħiliet meħtieġa għal attivitajiet edukattivi tranżnazzjonali.

Istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja

2. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jippromwovu, jirrikonoxxu u jivvalutaw diversi rwoli akkademiċi, inkluż tagħlim innovattiv u effettiv, u b'mod partikolari:
 - (a) jinvolvu ruħhom, fi djalogu mas-settur tal-edukazzjoni għolja, bl-għan li:
 - (i) jiżguraw li l-politiki tar-riżorsi umani fis-settur tal-edukazzjoni għolja jirrikonoxxu u jippremjaw rwoli differenti simili tal-persunal

⁵⁷ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabilità (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 10).

⁵⁸ [Home | Europass](#).

⁵⁹ [EURES \(europa.eu\)](#).

akkademiku, bħat-tagħlim, ir-riċerka, l-intraprenditorija u l-innovazzjoni, il-valorizzazzjoni tal-għarfien, il-kooperazzjoni tranżnazzjonali, l-involvement tan-negozju u tal-komunità, l-iżvilupp reġionali u lokali, il-mentoraġġ, l-amministrazzjoni u l-ġestjoni, il-parteċipazzjoni fil-governanza istituzzjonali;

- (ii) jippromwovu approċċi, ġodda u eżistenti, li jagħtu valur, jirrikonoxxu u jippremjaw diversi perkorsi tal-karriera akkademika għall-permeabbiltà tal-karrieri fir-rwoli differenti tal-persunal akkademiku kif imsemmi fil-punt 2(a)(i); f'diversi setturi pubbliċi u privati; u f'diversi pajjiżi, b'kont meħud tal-waqfiet fil-karriera⁶⁰ b'mod trasparenti;
 - (iii) jiżviluppaw prattiki fis-settur tal-edukazzjoni għolja, biex jagħtu valur lit-titjib tat-tagħlim u l-iżvilupp tal-persunal, u jippromwovu l-parità tal-istima għat-tagħlim meta mqabbla mar-riċerka, fl-evalwazzjoni u l-promozzjoni tal-persunal;
 - (iv) jinkoraġġixxu t-tmexxija istituzzjonali fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex iżidu u jżommu l-fokus fuq l-apprendiment u t-tagħlim billi jagħtu kemm attenzjoni lit-tagħlim kif ukoll lir-riċerka, u biex jagħtu valur lil dawk li jippromwovu, b'mod attiv, it-tagħlim u l-eċċellenza fl-apprendiment fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja;
- (b) jiżviluppaw prattiki fis-settur tal-edukazzjoni għolja, f'kooperazzjoni mas-settur tal-edukazzjoni għolja, biex jinvestu fl-iżvilupp kontinwu tal-ħiliet billi:
- (i) jipprovdu taħriġ u appoġġ xierqa lill-persunal akkademiku li jwettaq attivitajiet ta' tagħlim, inkluż persunal fil-bidu tal-karriera u għallieqa part-time;
 - (ii) jappoġġjaw it-titjib tat-tagħlim, billi japprovaw ir-riċerka dwar it-tagħlim u l-esperimentazzjoni b'metodi pedagoġiċi ġodda, u joħolqu ċentri innovattivi ta' tagħlim u apprendiment fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex jassistu lill-persunal akkademiku fil-missjoni ta' tagħlim tagħhom;
 - (iii) jipprovdu appoġġ għall-iżvilupp professjonali kontinwu lill-persunal akkademiku f'approċċi innovattivi għall-apprendiment u t-tagħlim, inkluż permezz tal-mikrokredenzjali, biex jissaħħu l-approċċi tat-tagħlim diġitali u innovattivi, inkluż l-implimentazzjoni tal-użu sikur u trasparenti tal-intelliġenza artifiċjali, l-inkorporazzjoni tal-apprendiment għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli fil-korsijiet tagħhom⁶¹, approċċi ta' apprendiment inklużiv indirizzati lil gruppi diversi ta' studenti, l-integrazzjoni tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali fil-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ: il-kondiviżjoni tal-għarfien permezz ta' korsijiet online mal-bqija tad-dinja bbażati fuq il-prinċipji tal-Edukazzjoni Miftuħa⁶²;

⁶⁰ Pereżempju, minħabba r-responsabbiltajiet tal-paternità u tal-indukrar, kwistjonijiet tas-saħħa.

⁶¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 1).

⁶² Il-prattiki edukattivi miftuħa jirrappreżentaw tekniki ta' tagħlim li jużaw teknoloġiji miftuħa u parteċipattivi u riżorsi edukattivi miftuħa biex jiffaċilitaw it-tagħlim kollaborattiv u flessibbli.

- (c) jikkunsidraw l-integrazzjoni ta' indikaturi li jivvalutaw il-grad ta' innovazzjoni u l-kwalità fit-tagħlim u l-apprendiment fil-proċessi tal-assigurazzjoni tal-kwalità eżistenti.
3. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jinkoraġġixxu r-rispett tal-ftehimiet kollettivi, id-djalogu soċjali effettiv, u l-awtonomija tas-sħab soċjali, u li jieħdu azzjoni ta' appoġġ sabiex l-impjegaturi jipprovdu kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti, inklużivi u kompetittivi, fejn il-persunal akkademiku jkun apprezzat, imħeġġeġ u appoġġjat. Tali azzjoni ta' appoġġ tista' tinkludi:
- (a) it-titjib tal-prattiki ta' reklutaġġ u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali, kif ukoll il-mekkaniżmi ta' finanzjament relatati, biex daww il-kundizzjonijiet isiru aktar trasparenti, prevedibbli, aċċessibbli u stabbli, speċjalment għall-persunal fil-bidu tal-karriera;
 - (b) l-għoti ta' remunerazzjoni proporzjonata ħielsa mid-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-kundizzjonijiet tax-xogħol flessibbli tal-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali li jgħinu biex ilaqqu flimkien il-ħajja personali, il-familja, ir-responsabbiltajiet ta' indukrar, is-saħħa, is-sikurezza, u l-benesseri ġenerali, mingħajr preġudizzju għall-karrieri;
 - (c) l-għoti ta' aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata irrispettivament mill-forma ta' impjieg, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jiddefinixxu l-prinċipji fundamentali tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom. Tali miżuri jistgħu jappartjenu għall-fergħat li ġejjin, sa fejn huma pprovduti fl-Istati Membri: benefiċċji tal-qgħad; benefiċċji għall-kura tas-saħħa; leave tal-maternità; leave tal-paternità u leave tal-ġenituri u l-benefiċċji relatati; benefiċċji tal-invalidità; benefiċċji tax-xjuħija u l-benefiċċji tas-superstiti; benefiċċji marbuta ma' aċċidenti fuq ix-xogħol u ma' mard okkupazzjonali;
 - (d) l-għoti ta' aċċess għal informazzjoni aġġornata, komprensiva, faċli għall-utent u li tinftiehem b'mod ċar dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-protezzjoni soċjali tagħhom, u biex jiġi żgurat li l-intitolamenti – kemm jekk akkwistati permezz ta' skemi obbligatorji jew volontarji – jiġu ppreservati, akkumulati u/jew trasferibbli fit-tipi kollha ta' status ta' impjieg u ta' impjieg indipendenti u transfruntiera, is-setturi ekonomiċi, matul il-ħajja tax-xogħol jew matul ċertu perjodu ta' referenza u bejn skemi differenti fi ħdan fergħa partikolari tal-protezzjoni soċjali;
 - (e) l-iżgurar li l-persunal akkademiku jkun jista' jinvolvi ruħu, fl-istadji kollha tal-karrieri tiegħu u irrispettivament mit-tip ta' kuntratt ta' impjieg tiegħu, fit-tagħlim u fl-apprendiment, fir-riċerka, mingħajr interferenzi jew biża' ta' ritaljazzjoni billi:
 - (i) ikun hemm kontribut għall-effettività tal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ li jippromwovu u jiddefendu l-libertà akkademika;
 - (ii) jiġu ddefiniti l-oqfsa għall-protezzjoni ta' membri individwali tal-persunal akkademiku kontra interferenzi u theddid esterni bla bżonn;
 - (iii) ikun hemm kontribut għat-trasparenza fil-ftehimiet ta' finanzjament jew ta' kooperazzjoni permezz ta' applikazzjoni ta' ġestjoni effettiva tar-riskju;
 - (f) l-iżgurar tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-bilanċ bejn il-ġeneri, l-opportunitajiet indaqs u l-inklużività għall-persunal akkademiku minn kull sfond, inkluż billi

jigū żviluppata u kondiviżi Prattiki tajbin fl-educazzjoni għolja rigward l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-inklużività u d-diversità u billi l-istituzzjonijiet tal-educazzjoni għolja jigū mħeġġa jużaw għodod eżistenti jew jiżviluppaw għodod ġodda bħal Karti tad-Diversità⁶³, kodiċijiet ta' kondotta, materjali ta' gwida jew manwali;

- (g) l-iżgurar tal-effettività ta' miżuri li għandhom l-għan li joħolqu ambjent tax-xogħol inklużiv billi:
 - (i) l-appoġġ lill-persunal akkademiku femminili biex jikseb livell għoli ta' anzjanità akkademika u rwoli ta' maniment/tmexxija superjuri;
 - (ii) il-promozzjoni tal-introduzzjoni ta' pjanijiet għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u pjanijiet usa' ta' diversità u inklużjoni fl-istituzzjonijiet tal-educazzjoni għolja, u fil-proċessi ta' promozzjoni tal-karriera;
 - (iii) il-kontribut għal Prattiki ta' evalwazzjoni aktar ta' appoġġ u bbażati fuq il-fiduċja, il-prijoritizzazzjoni tal-motivazzjoni intrinsika, il-feedback miftuħ, u l-kollaborazzjoni, inkluż billi tiġi żviluppata l-bażi għat-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza dwar l-inklużjoni u d-diversità.

4. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jinvolvu ruħhom f'tfassil ta' politika aktar ibbażat fuq l-evidenza mmirat lejn il-ħolqien ta' kundizzjonijiet kompetittivi, sikuri, ġusti u mhux diskriminatorji fl-akkademja bbażati fuq id-*data* organizzazzjonali, nazzjonali u Ewropea disponibbli dwar il-politika dwar il-karriera u l-persunal fl-educazzjoni għolja.

5. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jseguw din ir-Rakkomandazzjoni malajr kemm jista' jkun biex jippermettu l-implimentazzjoni sħiħa tal-prijoritajiet tal-Konklużjoni tal-Kunsill dwar strateġija Ewropea li tagħti s-setgħa lill-istituzzjonijiet tal-educazzjoni għolja għall-futur tal-Ewropa⁶⁴. Huma mistiedna jinformatu regolarment lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-istrutturi ta' ħidma tal-qafas taż-Żona Ewropea tal-Educazzjoni, dwar il-miżuri korrispondenti li għandhom jittieħdu fil-livell xieraq biex jigū appoġġati l-oġettivi ta' din ir-Rakkomandazzjoni bħala passi essenzjali lejn il-kisba u l-iżvilupp ulterjuri taż-Żona Ewropea tal-Educazzjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

⁶³ [The EU Platform of Diversity Charters turns 10! - European Commission \(europa.eu\)](https://european-council.europa.eu/media/e3000420/16400/16400_en.pdf).

⁶⁴ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija Ewropea li ssaħħaħ l-istituzzjonijiet tal-educazzjoni għolja għall-futur tal-Ewropa (ĠU C 167, 21.4.2022, p. 9).